# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Illum il-Ħamis, 14 ta' April 2016**

**Rikors Ġuramentat Numru: 80/2006 PC**

**Michael Sultana kemm f'ismu propju kif ukoll bħala mandatarju tal-imsiefra Margaret mart Martin Bartolo, Lorenza mart Joseph Galea u Fortunato Sultana**

**vs**

**Helen mart Benjamin Muscat; u Dennis Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-atturi, li permezz tiegħu, wara li ppremettew:

1. Illi Joseph Maria Sultana bin il-mejtin Lorenzo Sultana u Marianna nee' Galea, imwieled Xagħra, Għawdex miet fis-seba' u għoxrin (27) ta' April tal-elf disa' mija u tmienja u disgħin (1998) fix-Xagħra Għawdex;

2. Illi l-istess Joseph Maria Sultana rregola s-suċċessjoni tiegħu bis-saħħa ta' testment unika karta ma martu fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani tat-tletin (30) t'April tas-sena elf disa' mija u disgħin (1990) u bis-saħħa ta' liema testment huwa innomina bħala eredi universali tiegħu lill-ħames uliedu u ċioe' lil Carmela mart Joseph Azzopardi, Michael Sultana, Margaret mart Martin Bartolo, Lorenza mart Joseph Galea u Fortunato Sultana;

3. Illi Josephine Sultana, mart Joseph Maria Sultana, bint il-mejtin Fortunato Theuma u Modesta nee' Galea, imwielda Victoria, Għawdex mietet fix-Xagħra, Għawdex fis-sbatax (17) ta' Marzu elf disa' mija u ħamsa u disgħin (1995);

4. Illi l-isetss Josephine Sultana rregolat s-suċċessjoni tagħha bis-saħħa ta' testment unika karta ma żewġha fl-atti tan-Nutar Dottor Paul Gerog Pisani tat-tletin (30) t'April tas-sena elf disa' mija u disgħin (1990) u bis-saħħa ta' liema testment hija innominat bħala eredi universali tagħha lill-ħames uliedha u ċioe' lil Carmela mart Joseph Azzopardi, Michael Sultana, Margaret mart Martin Bartolo, Lorenza mart Joseph Galea u Fortunato Sultana;

5. Illi sussegwentement waħda mill-eredi u ċioe' Carmela mart Jospeh Azzopardi mietet u wirtuha ż-żewġ uliedha l-konvenuti Helen mart Domenic Muscat u Dennis Azzopardi;

6. Illi l-esponenti proprio et nomine intrpella diversi drabi lill-konvenuti sabiex jersqu għad-diviżjoni tal-assi ereditarji tal-mejtin Joseph Maria u Josephine konjuġi Sultana, iżda l-istess konvenuti dejjem baqgħu inadempjenti u għalhekk kellu jiġi preżentat dan ir-rikors;

7. Illi l-esponenti jaf dawn il-fatti kollha personalment.

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Taħtar fl-ewwel lok sekwestratarju ġudizzjarju u b'effett immedjat tawtorizzah jirriprendi l-pussess ta' dawk l-immobbli in diviżjoni;

2. Tillikwida l-beni ġia formanti l-komunjoni tal-akkwisti tal-mejtin Joseph Maria Sultana u martu Josephine Sultana billi tiddikjara illi jikkonsistu f'dawk il-beni u assi illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

3. Tiddividi din il-komunjoni tal-akkwisti f'żewġ porzjonijiet ugwali ilil jiġu assenjati waħda kull wieħed lill-assi partikolari ta' Joseph Maria Sultana u lill-assi partikolari ta' Josephine Sultana;

4. Tillikwida l-beni partikolari ta' Joseph Maria Sultana billi tiddikjara ili jikkonsistu fin-nofs tal-komunjoni tal-akkwisti assenjata lilu kif fuq ingħad, u dawk l-assi parafernali illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

5. Tiddividi l-beni kontenuti fl-assi ereditarji ta' Joseph Maria Sultana f'ħames (4) porzjonijiet ugwali illi jiġu assenjati waħda kull wieħed lil Carmela mart Joseph Azzopardi, Michael Sultana, Margaret mart Martin Bartolo, Lorenza mart Joseph Galea u Fortunato Sultana;

6. Tillikwida l-beni partikolari ta' Josephine Sultana billi tiddikjara illi jikkonsistu fin-nofs tal-komunjoni tal-akkwisti assenjata lilha kif fuq ingħad, u dawk l-assi parafernali illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

7. Tiddividi l-beni kontenuti fl-atti ereditarji ta' Jospehine Sultana f'ħames (5) porzjonijiet ugwali illi jiġu asenjati waħda kull wieħed lil Carmela mart Joseph Azzopardi, Michael Sultana, Margaret mart Martin Bartolo, Lorenza mart Joseph Galea u Fortunato Sultana;

8. Taħtar Nutar Pubbliku u tiffissa l-jum, il-ħin u l-lok għall-pubblikazzjoni tal-opportun att ta' diviżjoni tal-assi ereditarji hekk riżultanti, bl-intervent ta' kuraturi nominandi sabiex jidhru għall-eventwali kontumaċi fuq l-istess att;

9. Fin-nuqqas, u f'każ illi jirriżuta illi l-beni m'humiex komodament diviżibbli bejn il-kontendenti, tordna l-liċitazzjoni tal-istess beni sabiex ir-rikavat jiġi ripartit bejn il-kontendenti fil-kwoti lilhom spettanti kif fuq ingħad;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittri interpellatorji tat-23 ta' Ġunju 2003, tal-4 ta' Lulju 2003 u tal-20 ta' Lulju 2005 u l-ittra uffiċċjali ta' Awwissu 2003 kontra tagħkom.

Bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa qed tiġu nġunti.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenuti li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi huwa sottomess fl-ewwel lok li l-esponenti assolutament qatt ma naqsu milli jikkoperaw biex tintlaħaq diviżjoni bonarja bejn il-partijiet. Anzi kienu pjuttost huma, kuntrarjament għar-rikorrenti, li għamlu sforzi kontinwi biex tintlaħaq diviżjoni b'dan il-mod. Min-naħa tagħhom ir-rikorrenti pparteċipaw ftit li xejn f'dan ir-rigward, u meta pparteċipaw, għamlu proprsti rraġjonevoli;

2. Illi huma ma jopponux li jinħatar sekwestratarju ġudizzjarju estranju għall-partijiet biex jieħu f'idejh il-pussess ta' l-immobbli li huma fl-interezza tagħhom oġġett tad-diviżjoni in kwistjoni. Anzi huma jixtiequ li sekwestratarju jinħatar għal dan l-iskop b'effett immedjat;

3. Illi mhux oppost li jiġu likwidati u diviżi kemm il-beni formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-mejtin Joseph Maria u Joseph konjuġi Sultana, kif ukoll dawn partikulari għal kull wieħed mill-istess konjuġi Sultana, u dan purche' ikunu verifikati l-konsistenza ta' l-assi ereditarji in diviżjoni u l-kwoti rispettivi tal-partijiet. U għalhekk it-tieni sas-sebgħa talba mhux jiġu opposti;

4. Illi l-inqas m'huma opposti it-tmien u d-disgħa talba tar-rikors;

5. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-digriet tagħha tat-13 ta' Frar 2007 li bih l-A.I.C. Valerio Schembri ġie nominat bħala perit tekniku f'din il-kawża sabiex jirrelata dwar il-fondi in diviżjoni.

Rat ir-relazzjoni tal-istess perit, ippresentata fis-6 ta' April 2009 u minnu maħlufa fl-1 ta' Diċembru 2009.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-17 ta' Frar 2016 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-Nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawża ta' divizjoni ta' beni pposeduti in komun bejn il-kontendenti. Dawn il-beni huma provenjenti lilhom il-wirt tal-antenati tagħhom, Joseph Maria Sultana u martu Josephine Sultana, li mietu rispettivament fis-27 ta' April 1998 u s-17 ta' Marzu 1995. Dawn kellhom ħames ulied: Carmela mart Joseph Azzopardi, Michael Sultana, Margaret mart Martin Bartolo, Lorenza mart Joseph Galea u Fortunato Sultana. Carmela mietet qabel ma ġiet istitwita din il-kawża u wirtuha uliedha l-konvenuti Helen mart Domenic Muscat u Dennis Azzopardi. Il-konjuġi Sultana rregolaw is-suċċessjoni tagħhom permezz ta' testment *unica carta* fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani tat-30 ta' April 1990, li bih innominaw bħhala eredi universali tagħhom lil dawn il-ħames uliedhom.[1] Joseph Maria Sultana għamel testment ieħor fit-18 ta' Settembru 1997, in atti l-istess Nutar, u dana in segwitu għall-mewt ta' martu, li pero' ma biddilx is-sustanza tat-testment preċedenti.[2]

[1] Ara kopja ta' dan it-testment esebita a fol.26 -28 tal-proċess
[2] Ara kopja tiegħu a fol.24, 25

L-assi mmobbli in diviżjoni, kif deskritti u stmati mill-perit tekinku,[3] huma s-segwenti:

1. Fond 71A, Triq Ġnien Xibla, Xagħra, Għawdex, stmat bħala art fabbrikabbli tal-valur ta' €650,000;[4]

2. Nofs indiviż mill-fond 83, Triq Ġnien Xibla, Xagħra, Għawdex, (in-nofs indiviż l-ieħor jappartjeni lill-konvenuti),[5] stmat dan is-sehem indiviż tal-valur ta' €100,000;[6]

3. Biċċa raba' fi Triq Kalipso, Xagħra, Għawdex, tal-kejl ta' ċirka 118.4 m.k., konfinanti mill-punent ma' Triq Kalipso, nofsinhar beni ta' Emanuel Muscat u lvant beni ta' Joseph Farrugia, stmata tal-valur ta' €5000;[7]

4. Biċċa raba' msejjħa "tal-Għajjun" limiti tax-Xagħra, tal-kejl ta' ċirka 233m.k., u konfinanti mil-lvant u nofsinhar ma' beni ta' Angela Bartolo, u punent beni tal-familja Borg, stmata tal-valur ta' €3800;[8]

5. Biċċa raba' msejjħa "ta' Taħt ix-Xagħra", limiti tax-Xagħra, tal-kejl ta' ċirka 319 m.k., konfinanti punent ma' passaġġ, nofsinhar beni ta' Joseph Buttigieg u lvant beni ta' Carmel Sultana, stmata tal-valur ta' €4600 ;[9] u

6. Biċċa raba' msejjħa "tal-Kanali", limiti tax-Xagħra, tal-kejl ta' ċirka 177m.k., stmata tal-valur ta' €2500.[10]

Hemm ukoll kont bankarju fil-Bank HSBC plc, bin-numru 071-162416-451.

Ma rriżultax jekk kienx hemm xi beni parafernali minn dawn il-fondi. Fi kwalunkwe każ, pero', dan mhux ser jagħmel ebda differenza għall-fini tad-diviżjoni.

Il-perit tekniku ppropona tliet pjanijiet ta' qasma;[11] imma jidher li hemm qbil li, biex ma jitnaqqas xejn mill-valur tal-proprjeta' mmobbli, din għandha tinġieb għall-bejgħ in liċitazzjoni, bir-rikavat imbagħad

[3] Ara relazzjoni tiegħu a fol. 40 - 61
[4] Dok.VS I a fol. 67 u Dok. A a fol. 68
[5] Ara verbal fis-seduta peritali tat-2.06.2007, a fol. 72
[6] Dok.VS II a fol. 66
[7] Dok.VS III a fol. 65
[8] Dok.VS IV a fol. 64
[9] Dok. VS V a fol. 63
[10] Dok.VS VI a fol. 62
[11] Ara rapport tiegħu a fol.54 -61 tal-process

jinqasam bejn il-kontendenti, skont l-ishma rispettivi tagħhom.[12] Billi ulied il-konjuġi Sultana kienu ħamsa, il-kontendenti jmisshom kwint (1/5) indiviż kull wieħed/waħda minnhom, minbarra ż-żewġ ulied tal-mejta Carmela Azzopardi li jmisshom wieħed minn għaxar (1/10) partijiet indiviżi kull wieħed. Għall-fini tas-subbasta għandhom jiġu adottati l-istejjem magħmula mill-A.I.C. Schembri. Ir-rikavat mill-kont bankariju hawn indikat, għandu jiġi spartit ukoll bejn il-kondividendi, kulħadd skont sehmu.

Għaldaqstant tiddeċidi l-kawża bil-mod segwenti:

1. Tiċħad l-ewwel talba, billi llum ma baqgħax skop għall-ħatra ta' sekwestratarju ġudizzjarju;

2. Tilqa' t-tieni talba u tillikwida l-beni ġia formanti l-konunjoni tal-akkwisti tal-mejtin Joseph Maria Sultana u martu Josephine Sultana, billi tiddikjara illi dawn jikkonsistu fil-beni ndikati hawn fuq fil-korp ta' din is-sentenza;

3. Tilqa' t-tielet talba u tiddividi din il-komunjoni tal-akkwisti f'żewġ porzjonijiet ugwali, u tassenja nofs indiviż minn dawn il-beni lill-assi partikolari ta' Joseph Maria Sultana u n-nofs indiviż l-ieħor mill-istess fondi lill-assi partikolari ta' martu Josephine Sultana;

4. Tilqa' r-raba talba u tillikwida l-beni partikolari ta' Joseph Maria Sultana billi tiddikjara li dawn jikkonsistu fin-nofs indiviż tal-beni imsemmija;

5. Tilqa' biss in parti l-ħames talba, in kwantu nofs ir-rikavat mill-kont bankarju ndikat fil-Bank HSBC spettanti lid-decujus Joseph Maria Sultana għandu jiġi spartit mill-kondividendi kollha, kulħadd skont sehmu, u tiċħadha in kwantu tirreferi għall-beni mmobbli in diviżjoni, billi dawn mhumiex komodament diviżibbli mingħajr diskapitu għall-kontendenti;

6. tillikwida l-beni partikolari ta' Josephine Sultana billi tiddikjara li dawn jikkonsistu fin-nofs indiviż l-ieħor tal-istess beni;

7. Tilqa' biss in parti s-seba' talba, in kwantu nofs ir-rikavat mill-kont bankarju ndikat fil-Bank HSBC spettanti lid-decujus Josephine Sultana għandu jiġi spartit mill-kondividendi, kulħadd skont sehmu, u tiċħadha in kwantu tirreferi għall-beni mmobbli in diviżjoni, billi

[12] Ara Nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti tas-17.03.2016

dawn mhumiex komodament diviżibbli mingħajr diskapitu għall-kontendenti;

8. Tiċħad it-tmien talba billi mhux il-każ; u

9. Tilqa' d-disa' talba, u billi jirriżulta illi il-fondi mmobbli in diviżjoni mhumiex komodament diviżibbli bejn il-kontendenti mingħajr diskapitu għalihom, tordna l-liċitazzjoni tagħhom sabiex ir-rikavat jiġi maqsum bejn l-istess kontendenti fil-kwoti spettanti lilhom, kif fuq ingħad.

Billi din hija kawża ta' diviżjoni, l-ispejjeż għandhom jiġu ssoportati bejn il-kontendenti, kullħadd skont is-sehem spettanti lilu minn din l-eredita'.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur